MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 242/2003

**Avviz numru 242/2003DM**

**Lombard Bank Malta plc**

**Vs**

**Alina Darmanin**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-bank attur talab il-kundanna tal- konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef disa mija u tmienja u disghin Liri Maltin u tmienja u tmenin centezmi (Lm3998.88) li minnhom Lm3961.71 rappresentant bilanc ghad-debitu fil-facilita ta' self moghti lill-konvenuta in virtu ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Caroline Abela Rausi li jgib id-data tad-9 ta' Dicembru 1998 li kopja legali tieghu hija annessa mal-avviz u mmarkat bhala dokument A , bl-interessi kkalkolati sal-5 ta' Mejju 2003 skond statement anness u mmarkat dokument B oltre l-imghax ulterjuri mis-6 ta' Mejju,. 2003

sad-data tal-pagament effettiv filwaqt li l-bilanc ta' Lm37.09 jirraprezentaw bilanc ghad-debitu fic-'cheque account' li ghandha l-konvenuta ma l-istess Bank skond statement anness u mmarkat Dok C bl-interessi kkalkolati sal-5 ta' Mejju 2003 oltre l-imghaxijiet ulterjuri mis-6 ta' Mejju 2003 sad-data tal-pagament effettiv u dan stanti l-fatt li ghalkemm interpellata sabiex thallas anke ufficjalment il-konvenuta baqat inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra taghha

Bl-ispejjez kollha inkluz l-VAT fuq id-drittijiet professjonali, kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tal-4 ta' Lulju 2002, u bl-imghaxijiet legali mis-6 ta' Mejju 2003 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokument esibiti;

Rat illi b'nota pprezentata fir-registru fit- 22 t'Ottubru tas-sena 2003 il-konvenuta ammettit it-talba attrici.

Ghaldaqstant fuq ammissjoni t-talba attrici hija gustifikata u ghandha tigi kkonfermata.

Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-bank attur is-somma mitluba ta' Lm3,998.88 (tlett elef disa mija u tmienja u disghin Lira Maltin u tmienja u tmenin centezmi ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mis-6 ta' Mejju 2003;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------